# L-ewwel sena tal-PM Abela mtebbgħa bl-agħar rekord ta' kaċċa illegali

## Sena li tibqa' mfakkra wkoll għall-azzjoni li ħadet l-UE kontra Malta fuq id-derogi kollha tal-kaċċa u l-insib

- L-2020 hija s-sena ġdida rekord għall-kaċċa illegali, b'210 għasfur protett li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali
- In-numru ta' vittmi tal-kaċċa illegali miġbura s-sena l-oħra jammonta għat-totali tal-2019 u l-2018 meħudin flimkien

L-ewwel sena ta' tmexxija tal-Prim Ministru Robert Abela se tibqa' sena mtebbgħa bl-agħar rekord tal-kaċċa illegali fil-passat riċenti ta' Malta. Rekord li kien innutat ukoll mill-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent fl-aħħar komunikazzjoni li kellu mal-Gvern Malti.

Wara li għalaq l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar, iċ-ċifri għall-2020 bħala sena sħiħa issa qed juru li din kienet l-agħar sena fl-aħħar tmien snin f'dawk li huma vittmi tal-kaċċa illegali miġbura minn BirdLife Malta u l-pulizija. Is-sena l-oħra, fil-fatt, issa stabbiliet ruħha bħala s-sena ġdida rekord għall-kaċċa illegali f'Malta mill-2013 lil hawn, b'total ta' 210 għasfur protett li nafu li tniżżlu illegalment mill-kaċċaturi.

Dan jammonta għal kważi d-doppju tat-total ta' vittmi miġbura fl-2018 li kienet – sa issa – is-sena rekord għall-illegalitajiet (114) tal-kaċċa mill-2013 lil hawn. Dan it-total ifisser ukoll żieda qawwija fin-numri meta mqabbel mas-sena ta' qabel (2019) meta t-total kien ta' 99, u jfisser ukoll li fl-2020 in-numru ta' tajr protett miġbur kien jammonta għat-totali tal-2019 u l-2018 meħudin flimkien!

In-numri tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa – li kien ilu miftuħ mill-1 ta' Settembru 2020 – ukoll irduppjaw fuq dawk tal-istaġun tas-sena ta' qabel, għal total ta' 101 meta mqabbel mat-53 tal-ħarifa ta' sena ilu. Dawn in-numri huma biss qatra f'oċean għax jirrappreżentaw biss ftit mit-total ta' għasafar protetti li

jispiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali, b'ħafna oħrajn jinġabru mill-kaċċaturi, l-aktar għal skopijiet ta' bbalzmar, u qatt ma jiġu reġistrati.

Is-sitwazzjoni tal-infurzar u l-ġustizzja ftit li xejn hija sodisfaċenti, kif deher ċar sew matul l-istaġun tal-kaċċa u anke dak tal-insib; bil-pulizija ssib diffikultà biex tlaħħaq, u bit-twaqqif riċenti tal-Environmental Protection Unit (EPU) li ħadet post it-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) iġib miegħu biss bidla fl-isem, imma ftit li xejn progress sinifikanti. Xhieda ta' dan huwa l-fatt li l-każi ta' reati ambjentali kriminali li BirdLife Malta u l-Committee Against Bird Slaughter (CABS) irrappurtaw lill-pulizija issa qed jiffaċċjaw ir-riskju li jiġu preskritti minħabba li s-suspettati ġew imħarrka biex jidhru quddiem il-qorti tard. Skont storja li ħarġet fil-midja dan l-aħħar, akkużati f'każi li jmorru lura għall-2018 allegatament ħelsuha ħafif mill-ġustizzja minħabba li ma ġewx imħarrka fiż-żmien ta' sentejn stipulat mil-liġi. Dan hu nuqqas serju ta' governanza tajba u BirdLife Malta diġà sejħet għal investigazzjoni fuq din il-materja.

Ma kienet għalhekk l-ebda sorpriża li f'Diċembru l-Unjoni Ewropea (UE) ħabbret li qed tieħu azzjoni kontra l-Gvern Malti fuq id-derogi kollha tal-kaċċa u l-insib li jinsabu fis-seħħ f'Malta. Permezz ta' Proċeduri ġodda ta' Ksur li fetħet kontra Malta, il-Kummissjoni Ewropea qed tikkontesta l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għas-Summiena, id-deroga li tippermetti l-insib għall-Pluviera u l-Malvizz, u anke l-insib għall-għasafar tal-għana għal skop ta' riċerka – deroga li ddaħħlet għall-ewwel darba s-sena l-oħra bi sfida għas-sentenza storika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-2018 kontra Malta. Iż-żewġ staġuni tal-insib (dak għall-Pluviera/Malvizz u anke l-istaġun paraventu li jippermetti l-insib għall-għasafar tal-għana bl-iskuża ta' riċerka xjentifika) ukoll ġew fi tmiemhom matul Diċembru u Jannar. Kienu ilhom miftuħin minn Ottubru.

Iż-żewġ Ittri ta' Intimazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni Ewropea lill-Gvern Malti jkopru wkoll is-sitwazzjoni tal-kaċċa illegali fil-Gżejjer Maltin flimkien mal-falliment tas-sistema ta' rappurtaġġ tal-qbid tal-għasafar mill-kaċċaturi, u l-Gvern issa huwa obbligat li jirrispondi billi jinforma lill-UE kif beħsiebu jirrimedja s-sitwazzjoni li aċċennat għaliha l-Kummissjoni fi żmien xahrejn minn meta rċieva t-twissijiet. Dan il-perjodu huwa imminenti li jiskadi fil-jiem li ġejjin, preċiżament fit-3 ta' Frar.

Sadanittant, il-Kumitat Ornis, li jagħti l-pariri lill-Ministru fuq l-istaġuni tal-kaċċa u d-derogi, issa ilu mhux operattiv għal numru ta' xhur, u għadu fil-proċess li jerġa' jiġi appuntat. Mhux ċar jekk il-Kumitat hux se jkun f'pożizzjoni li jiddiskuti s-sitwazzjoni b'rabta mal-Proċeduri ta' Ksur u l-eżitu tal-aħħar staġuni tal-insib sa qabel id-data tal-iskadenza. Dan minkejja l-fatt li

BirdLife Malta talbet laqgħa formali tal-Kumitat malli tħabbru l-Proċeduri ta' Ksur fit-3 ta' Diċembru 2020.

Dan kollu jikkonferma kif il-Ministeru għal Għawdex falla fejn għandu x'jaqsam mat-tmexxija tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) li suppost hija wkoll responsabbli li tassisti lill-pulizija fuq kwistjonijiet ta' infurzar. Ir-riżultati diżastrużi miksuba wara d-deċiżjoni żbaljata tal-PM Abela li jneħħi r-responsabbiltà tal-kaċċa minn taħt idejn il-Ministru għall-Ambjent biex jgħaddiha lill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri – deċiżjoni li BirdLife Malta għadha qed tikkontesta fil-Qorti – jitkellmu waħidhom: il-fatt li l-interessi tal-lobby tal-kaċċaturi tpoġġew qabel il-konservazzjoni tal-għasafar wassal biss biex Malta reġgħet spiċċat fl-inkwiet fuq livell Ewropew!

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Nota lill-edituri:**
BirdLife Malta tmexxi servizz ta' salvataġġ ta' għasafar selvaġġi 24 siegħa kuljum. Membri tal-pubbliku li jsibu għasafar feruti jew midruba bil-kaċċa regolarment iċemplu lil BirdLife Malta kif ukoll lill-awtoritajiet tal-pulizija sabiex jinġabru speċi protetti. Dawn jittieħdu fi klinika veterinarja appuntata mill-gvern li teżamina lill-għasafar għall-feriti li jkunu sofrew. In-numri kkwotati jirrappreżentaw l-għasafar miġbura minn BirdLife Malta u li l-veterinarji jkunu kkonfermaw li tniżżlu b'tiri ta' senter waqt li jinkudu wkoll dik il-parti mill-ammont ta' għasafar li jinġabru mill-Pulizija li BirdLife Malta tkun taf bihom. Aktar għasafar feruti jistgħu jkunu ġew irkuprati mill-awtoritajiet tal-gvern u li ma jkunux inklużi f'din l-istatistika. In-numri kkwotati jiġu mqabbla minn sena għal oħra bħala indikazzjoni tax-xejriet fil-qtil illegali tal-għasfar f'Malta fuq skala nazzjonali.

**Ritratti mehmużin:**
- Tqabbil li juri kif l-2020 kienet sena rekord għall-kaċċa illegali f'dawn l-aħħar tmien snin
- Il-vittmi tal-kaċċa illegali tul l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa 2020

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-A7zxgTUJDt**
**Ara l-video fuq YouTube hawn: https://youtu.be/Yq13O7uzFuM**
- Video li jiġbor uħud mill-illegalitajiet tal-kaċċa tul l-istaġun tal-ħarifa 2020 *(Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)*